# Laqgħa tal-Kunsill Lokali Marsa

## Minuti

## L-Għaxar Leġislatura

## Laqgħa numru 07

**5.00p.m 16 ta'Ottubru 2024**

**Preżenti**

| | |
|---|---|
| Is-Sur Luke Farrugia | Sindku. |
| Is-Sur Josef Azzopardi | Viċi Sindku |
| Is-Sinjura Gloria Aquilina | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Scerri | Kunsillier |
| Is-Sur Joseph Cachia | Kunsillier |
| Is-Sur Anthony Meilak | Kunsillier |
| Is-Sur Domenic Spencer | Kunsillier |

**Assenti b'Apoloġija**

Ma kienx hemm

**Assenti**

Ħadt

**Uffiċċjal Preżenti**

Mariella Strout - Deputat Segretarju Eżekuttiv

Is-sindku Luke Farrugia fetaħ il-laqgħa fil-ħamsa.

**07.1 Qari tal-ittri t'apoloġija;**
Ma kienx hemm ittri ta' apoloġija

**07.2 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti.**
Is-Sindku ressaq il-Minuti ta' numru sitta (6) laqgħa tal-Kunsill għal din il-leġislatura, li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa u għaldaqstant ġew unanimament ikkunsidrati bħala moqrija.
**07.2.1** Wara mozzjoni mressqa mis-Sindku u s-sekondat mil-Kunsillier Gloria Aquilina, il-membri tal-Kunsill approvaw b'mod unanimu l-Minuti msemmija.

**07.3 Komunikazzjoni mis-Sindku;**

07.3.1 **Marsa Football Club -Pasta Night**
Is-Sindku nforma, li il-Marsa Football Club nhar l-1 ta' Novembru ser jorganizzaw pasta night għas-supporters u r-residenti tal-Marsa. Għalhekk qed jistaqsu jekk il-Kunsill jistgħax jagħti kontribut u jgħin f'din l-attivita'.
Il-Viċi Sindku staqsa kif il-Kunsill ntalab jiddeċidi fuq attivita li diġa hemm il-poster qiegħed fil-midja soċjali li tinkludi logo tal-Kunsill.
Is-Sindku propona li din deċizjoni tiġi rtirata sa kemm ikun hemm iktar informazzjoni dwar din l-attivita.
Il-Kunsilliera tennew li huma ma humiex kontra li jigħnu lil għaqdiet biss qabel ma tintuza il-logo tal-Kunsill issir talba formali u tiġi approvata.
Il-Kunsill qabel li jassisti biss permezz ta' deċizjoni li kien ħa fl-laqgħa preċedenti li j'assisti b'riklam b'nefqa sa 300 euro.

07.3.2 **Darts Tournament**
Top Gun Darts Club qed jistaqsu jekk il-Kunsill hux interessat jirreklama waqt il-1 day tournament li ser jigi organizzat nhar l-20 t'Ottubru. Il-prezz mitlub huwa ta' €300.
Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi u Kunsillier Joe Scerri staqsa jekk dak mitlub min Top Gun Darts Club, jekk għandhomx statut jew VO number. Ġie spjegat li dan l-istatut għadu ma ġiex preżentat. Il-Kunsill talab lil Kunsillier Joseph Cachia sabiex jikkonferma li Darts Club għandhom VO number permezz tal-Federation tagħhom.
Il-Kunsill qabel

07.3.3 **Dispute on last week of wages Council vs Former ES**
Is-Sindku informa li Kunsill kien rċieva risposta mingħand l-Avukat tal-Kunsill fejn spjega li Segretarju Eżekuttiv preċedenti għandu jitħallas ta' l-aħħar ġimgħa li ħadem mal-Kunsill, iżda ġaladarba is-segretarju Eżekuttiv ma ħadimx il-perjodu ta' notice il-Kunsill għandu dritt jitlob għal kumpens.
Il-Kunsill qabel li titħallas il-ġimgħa paga sabiex ikun konformi ma liġi ta' xogħol iżda ser jżomm id-dritt li jitlob kumpens għan notice period li ma ħaddimx.

07.3.4 **Planning Board meeting – PA 004418/22 and PA 04435/22**
Sindku nforma li ser issir laqgħa nformattiva dwar it-twaqqiegħ ta' l-Ex edible oil. Waqt din il-laqgħa il-Kunsill jista' jkollu rappreżentant bħala wieħed mill-membru tal-Planning board fejn ikollu wkoll vot fid-deċiżjoni. Il-laqgħa ser tkun nhar il-Ħamis 17 t'Ottubru fid-9.30am. Il-Public hearing ser issir nhar il-Ħamis 7 ta' Novembru fl-10.00am.
Il-Kunsill qabel li jkun presenti.

**07.3.5 DPA Notification - PA/05660/24**
Restawr Marsa Tram Station – Xatt il-Mollijiet- Application type full development. Il-Viċi Sindku tenna li din hija applikazzjoni tal-Kunsill stess li ġiet sottometta meta huwa kien Sindku.
Kunsillier Domenic Spencer qal li ser ikun prezenti u jidħol għal laqgħa online

07.3.6 **Christmas Get together 2024**
Sindku nforma li Attivita' Annwali organizzata mill-Assocjazzjoni tal-Kunsilli Lokali għal żmien il-milied. Din ser tiġi organizzata nhar is-Sibt 14 ta' Diċembru 2024. Dawk interessati rridu jirreġistraw sa mhux aktar tard minn nhar il-Ġimgħa 29 ta' Novembru 2024.

**07.3.7 SPI.SCI.7.2024 Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubblici**

Is-Sindku spjega li ħarġet Espressjoni ta' Interess – Servizz ta' Manutenzjoni Minuri f'Binjiet pubblici u qed jiġi suġġerit sabiex il-Kunsill japplika għal din l-iskema bil-pjan li jagħmel l-emergency exit f'sular fejn hemm id-Day Centre. F'xhur li għaddew il-Kunsill kien talab lil Perit sabiex jagħmel il-pjanti u intalbat BOQ għalek ħafna m'xogħol kien diġa lest sabiex il-Kunsill il-laħaq ma deadline li huwa nhar il-Ġimgħa 18 t'Ottubru 2024.

Il-Kunsill qabel li j'applika.

**07.3.8 Tilqim**

Is-Sindku informa li ilMinisteru għas-Saħħa u l-Anzjanita' Attiva ikkomunika li bid-differenza mis-snin preċedenti, minbarra t-tilqim b'xejn kontra l-influwenza u l COVID 19 se tkun qed tiġi offruta l vaċċin Pnewmokokkali 20 (PCV20)

Il-vaċċin PCV20, grazzi għal-impenn tal-Gvern issa ġie inkluż fil-formularju nazzjonali. Dan l-vaċċin jipproteġi kontra infezzjonijiet ikkawżati minn Streptococcus pneumoniae, batterju responsabbli għal-infezzjonijiet serji bħal infezzjonijiet tas-sider u sepsis ,b'mod partikulari f'adulti akbar fl-eta.

It-tlett vaċċini jistgħu jingħataw f'sessjoni waħda u allura bħala prevenzjoni importanti li dawn jingħataw fil-prezenża ta' tabib mediku. Kien għalekk li ġie suġġerit li l-vaċċini jingħataw fiċ-Ċentri tas-Saħħa, speċjalment minħabba riskji li jistgħu jinqalgħu.

Madankollu l-Ministeru għas-Saħħa u l-Anzjanita Attiva', lest li jikkopera u jikkolabora mal-Kunsilli Lokali u jissuplixxi t-tlett vaċċini bil-premessa li l-istess Kunsill Lokali jieħu ħsieb jagħmel l-arranġamenti li l-vaċċini jingħataw fil-preżenza tat-tabib.

Il-Kunsill qabel li tintalab assistenza ta' tabib sabiex il-Kunsill ikun jista joffri servizz lil residenti.

**07.3.9 Cir AKL 2024/053_European Mobility Week _ żewġ pakketti ta' Fondi**

Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat illi Kunsill kien sottometta applikazzjoni sabiex issir studju ta' traffic management madwar il-lokalita. Din l-applikazzjoni ħa ħsieba il-Maniġer responsabbli mill-ambjent f'ħdan Kunsill Reġjonali tan-Nofsinhar b'kordinazzjoni mal-Kunsillier Domenic Spencer.

**07.3.10 Toqob ta' l-arbli**

Is-Sindku nforma li Soċjetà Muzikali Trinita Qaddisa qed jitolbu sabiex jerġgħu isiru toqob ta' arbli tal-ħadid li qabel ma Triq Balbi saret bit-Tarmak ġdid kienu eżistenti. Minħabba li fil 11 ta' Novembru tiftaħ l-esibizzjoni u jridu jintużaw minħabba l-istreamers qed jitolbu sabiex possibbilment isiru fix-xahar ta' Ottubru.

Il-Kunsill qabel li dawn it-toqob jerġaw jinfetħu

**07.3.11 Aqra Miegħi**

Is-Sindku informa li Aġenzija Nazzjonali tal-Litteriżmu fi ħdan il-Ministeru tal-Edukazzjoni u ċ-Ċentru tal-Litteriżmu tal-Università neddiet programm 'Aqra Miegħi/Read with me' Dan il-programm ta' qari ta' stejjer u kant ta' taqbiliet hu mmirat għat-trabi u tfal sa tliet snin u hu bla ħlas. Dawn is-sessjonijiet ta' qari huma mifruxa ma' Malta u Għawdex u issiru darba fil-gimgħa kull nhar ta' Sibt bejn 9am u 10 am.

L-għan tal-programm hu li jkebbes l-imħabba għall-qari fost it-tfal minn età bikrija permezz ta' logħob u attivitajiet mimlijin gost flimkien mal-ġenituri/carers tagħhom.

Il-Kunsill approva li issiru dawn is-sessjonijiet

**07.3.12 Insurance tal-van tal-Kunsill**

Deputat Segretarju Eżekuttiv nfurmat li l-insurance tal-van kienet għolliet għalhekk ntalbet kwotazzjoni ġdida. Mill-kwotazzjoni li kien irċeva il-Kunsill irriżulta li jekk immur ma kumpanija oħra kien ser jiffranka 1000 euro.

Il-Kunsill approva li l-insurance tkun għal irħas offerta.

**07.3.13 Uniformi għal ħaddiema tal-Maintenance**

Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li hemm il-bżonn li tinxtara uniformi għal ħaddiema tal-maintanence.

Il-Kunsill qabel li jsir dan.

**07.3.14 Salarju ta' Driver tal-Kunsill**

Deputat Segretarju Eżekuttiv infurmat li nġibdet l-attenzjoni li suppost kellu tiżdied notch u din ma saritx fil-passat.

Il-Kunsill qabel li salarju jżdied u jieħu ukoll arretrati li huwa eliġibbli għalihom.

**07.4 Tweġibiet għall-Mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

07.4.1 Kunsillier Domenic Spencer għamel referenza għal attivita Villaġġ tal-Milied fejn informa li l-fond li kien baġitja għalih fejn jitħol l-ispiża tal-palk kien qabez b'1,500 euro.
Il-Kunsill ħa nota ta' dan u qabel li xogħol jitkompla kif pjanat

07.4.2 Il-Kunsillier Joe Scerri informa li kellu talba mill Kunsill ta' Ħal Qormi sabiex jagħmlu uzu mill van nhar ta' Ħadd. Sindku spjega li riċentament kienet saret talba mill-Kunsill ieħor u irrizulta li ma tistax issir**.**

07.4.3 Il-Viċi Sindku staqsa jekk hux ser issir Coffee morning f'isem il-Kunsill, is-Sindku qal li kienet attivita tiegħu u mhux tal-Kunsill. Il-Kunsill qal li reklam seta jiżgwida lil resident. Is-Sindku qabel li ser j'emenda ir-reklam.

07.4.4 Il-Kunsillier Domenic Spencer staqsa jekk kienx hemm xi Laqgħa mal -pulizija. Deputat Segretarju qalet li iva l-Assistant Kumassarju għamlet rikjest sabiex tiltaqa ma Sindku u Segretarju. Il-Kunsillier talab li Kunsill kollha ikunu mistiedna. Deputat Segratrju infurmat li ser tibagħt rikjest lil uffi1ju ta' l-Assistant Kummissarju

07.4.5 Il-Kunsillier Anthony Meilak issuġġerixxa li jinxtraw T-shirts għal dawk li jaħdmu għad-Day Center sabiex meta jkun hemm il-ħarġiet tkun identifikata lokalita tal-Marsa. Il-Kunsill qabel u li jsirru logo tal-Marsa LC u ta Departiment ta' Anzjanità Attiva.

07.4.6 Il-Kunsillier Anthony Meilak informa li kien ġabar kwotazzjoni mingħand il-Euro Club sabiex issir l-attività għal anzjani għal żmien il-Milied. Il-Kunsill qabel li l-attivita tkun għal madwar 200 persuna u ssir nhar 18ta' Diċembru 2024. Tluq ser ikun fil-11.30am mil-pjazza. Transport ser ikun kopert mill-Kunsill. Il-ħlas għal din l-attivita huwa ta' 10 ewro.

**07.5 Rapporti**

07.5.1 Rapport Finanzjarju Q3

Is-sindku talab lil accountant tal -Kunsill sabiex jagħti spjegazzjoni rigward li spejjez u dħul tal-Kunsill bejn Ġunju u Settembru 2024. L-accountant ta' qara l-overview fil-bidu ta' Rapport u dak ta' dħul u ħruġ finanzjarji tal-Kunsill. Huwa tenna li defiċit naqas dan l-aħħar 3 xhur. Is-Sindku staqsa b'kemm kien naqas u l-accountant spjega li xenarju ta' qabel kien ta' 19,000 kull 3 xhur iżda dawn it-tlett xhur kien ta' 5,000. Il-kunsillier Domenic Spencer staqsa għalfejn reġa' kien hemm rimarki dwar l-infiq fuq il-kultura meta ma kienx sar infiq fuq il-kultura dawn l-aħħar 3 xhur. L-accountant qabel li din il-parti tiġi emendata u titneħħa referenza għal kultura mir-rapport.

Il-Kunsill approva rapport.

**07.6 Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda ta' pagament**

Is-sindku ippreżenta l-iskeda ta' pagamenti bin-numru ta' referenza 10/24 li ġew iċ-ċirkolati minn qabel mal-avviż tal-laqgħa. Il-Kunsilliera talbu kjarifika dwar diversi pagamenti fosthom mill Viċi Sindku li staqsa dwar in-numru ta' sigħat li kienet qeda taħdem id-Deputat Segretarju Eżekuttiv. Id-Deputat spjegat il-ħinijiet li kienet qeda tagħti servizz lil Kunsill Lokali. Dan huwa ukoll spjegat fil-claims li hija tissottometti kull xahar. Kien hemm qbil li DES u Sindku jiftehmu fuq in-numru ta' sigħat massimu li għandu jinħadem. DES għamlet ukoll kjarifki fuq il mistoqsijiet oħra dwar il-pagamenti. .

07.6.1 Wara mozzjoni mressqa min proponent Kunsillier Domenic Spencer u sekondat Kunsillier Gloria Aquilina il-kunsill approva unanimament il-ħlasijiet indikati fl-iskeda tal-pagamenti.

**07.7 Item: Sejjħa għal tindif u kura ta' ġonna pubbliċi**

Is-Sindku nforma li dawn ġimgħat il-kunsill ħareġ sejħa għal kwotazzjonijiet sabiex issir tindif u kura ta' ġonna pubbliċi, dan peress li tender kien skada u servi sakemm jinħareġ tender ieħor. Wara li ġew eżaminati



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*

il-kwotazzjonijiet, il-Kunsill deċida li fil-preżent ikun aħjar li xogħol issir mil-ħaddiema tal-Kunsill u jinħareġ tender b'mod immedjat. Il-Kunsill approva li l-baġit għal dan it-tender jkun ta' 65,000 ewro u ma jkunx jinkludi l-Ġnien Spencer peress li hemm management agreement ma l-ERA li jkopri il-kura u tindif ta' dan il-Ġnien.

**07.8 Item: Kunsiderazzjoni fuq ftehim relatat ma il-knis u tindif fil-lokalita min Clean Malta**

Is-Sindku informa li kif kien maqbul waqt il-laqgħa tal-Kunsill Numru 6, saru numru ta' verifiki ma Kunsilli oħra fejn qed jagħmlu użu mis-servizz ta' Clean Malta. Dawn il-Kunsilli konfermaw illi servizz qed jingħata kif mixtieq. Il-Kunsilliera Domenic Spencer u Gloria Aquilina tennew li huma ukoll għamlu riċerki tagħhom u konfermaw dak li kien qiegħed jigħd is-Sindku. Il-Kunsill kompla jiddiskuti il- proposta ta' ftehim bejn l-entita Clean Malta u il-Kunsill fejn qabel li mal-proposta ta'prezenza ta' 6 kenniesa, van kull nhar ta' sibt sabiex jiġbor l-iskart illegali, l-użu ta' mechanical sweeper darbtejn fil-ġimgħa, bowzer sabiex jinħaslu toroq, jitbagħtlu il-kontenituri (bins u doggy bins) madwar il-lokalita, u l-knis issir madwar il-lokalita kollha.

Il-ftehim ġie approvat unanimament.

**07.9 Item: PA 5280/21 - Bini ta' Krematorju**

Is-Sindku informa li l-Kunsill kien irċeva korrispondenza mingħand il-Kunsill ta' Raħal il-Ġdid rigward l-applikazzjoni PA 5280/21 -Bini ta' Krematorju. Permezz ta' din il-kommunikazzjoni il-Kunsill ta' Raħal Ġdid informa li f'3 ta' Ottubru 2024 ħareġ stqarrija fejn informa li kien oġġezzjona formalment għal applikazzjoni outline PA 5280/21 ġewwa lokalita ta' Raħal Ġdid.

Il-Viċi Sindku Josef Azzopardi tenna li bħal ma għamel fil-passat li huwa kontra dan l-iżvilupp u solidari ma deċizjoni tal-Kunsill Lokali ta' Raħal Ġdid.

Is-Sindku u Kunsilliera qablu ma din deċizjoni u talbu li Deputat Segretarju Eżekuttiv sabiex tinforma lil Kunsill ta' Raħal Ġdid.

**07.10 Mozzjonijiet**

Ma kienx hemm

**07.11 Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss;**

Il-laqgħa ntemmet fis-8.30pm u ġiet aġġornata għal Erbgħa 13 ta'Novembru ta'2024 fl-5.00 pm fil- bini amministrattiv tal-Kunsill.

| | |
|---|---|
| IFFIRMATA | IFFIRMATA |
| | |
| Luke Farrugia | Mariella Strout |
| Sindku | Deputat Segretarju Eżekuttiv |



Kunsill Lokali Marsa, Pont San Tumas, Marsa
*Email: marsa.lc@gov.mt* *Tel: 21220522 / 21224877*